MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2773/2002

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Joe Falzon f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc that l-isem Eye-Land Software**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm328.10) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija mibjugha lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tieghu;**
**Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 12 ta' Marzu, 2002, u bl-imghax legali mid-data ta' l-invoices sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici li biha cediet il-kawza b'riserva ghall-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Marzu, 2002.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------